**27 ta' Ġunju, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A. J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Zerafa

*versus*

John Pace

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Ħanut — Maħżen — Remissa.**

*Il-fatt li wieħed iżomm, f'remissa mikrija għandu, pony u karrettun li huwa jużа biex iqassam lill-parruċċani tiegħu l-ordinazzjonijiet li dawn jagħmlulu bħala grocer, ma jirrendix dik ir-remissa "ħanut". Bejn dik l-użu tar-remissa u n-negozju ta' dak il-kerrej ma hemmx dik l-aċċessorjetà neċessarja li ġġiegħel iż-żewġ ħwejjeġ jitqiesu ħaġa waħda, b'mod li r-remissa titqies "maħżen" fis-sens tal-liġi, jew estensjoni tal-ħanut fejn il-kerrej jeżerċita l-mestjer tiegħu ta' grocer. Ir-remissa hi ċertament utili għal dak in-negozju, imma mhix talment inseparabbli minnu li tifforma ħaġa waħda miegħu; u għalhekk ma dgawdix il-protezzjoni tal-liġi bħala "ħanut".*

*Dan, s'intendi, jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ; u jgħodd biss jekk ma jiġix pruvat ħaġ'oħra ħlief li l-post ġie mikri bħala remissa għall-pony u karrettun, u xejn aktar.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li Jirregola l-Kera biex jerġa jieħu taħt idejh, għall-użu tiegħu ir-remissa numru 103 Barracks Street, Qormi, mikrija lill-intimat;

Rat is-sentenza ta' dak il-Board tas-7 ta' Mejju 1958, li biha laqa' t-talba, u ta lill-intimat għall-fini tal-iżgumbrament iż-żmien ta' xahar; l-ispejjeż fiċ-ċirkustanzi mingħajr taxxa; wara li kkunsidra;

Il-fond huwa mikri lill-intimat bħala remissa, u hekk użat. Ma jirrendiehx fond kummerċjali l-fatt li l-intimat, li huwa bil-ħanut, iżomm fih il-pony u l-karrettun li bihom imur jagħmel il-konsenja tal-merkanzija lil tal-ħwienet skond l-ordinazzjoni li jkollu minnhom. Għalhekk ir-rikorrent huwa ntitolat li jerġa jieħu taħt idejh il-fond għall-użu tiegħu;

Rat ir-rikors tal-intimat John Pace, li bih appella minn dik is-sentenza u talab li tiġi revokata, billi tiġi akkolta l-eċċezzjoni tiegħu, u konsegwentement tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrent appellat; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-ilment tal-appellant huwa illi, peress li r-remissa in kwistjoni hi wżata biex hu, li għandu ħanut ta' grocer, idaħħal fiha l-pony u l-karrettun li bihom joħroġ jikkonsenja fil-ħwienet il-ħelu u merkanzija oħra, dik ir-remissa għandha titqies li hi "ħanut" fis-sens tal-liġi, għax bħala post fejn hu jżomm l-ordenji tan-negozju ma tistgħax tiġi kunsidrata separatament mill-ħanut fejn hu jeżerċita dak in-negozju;

Iżda din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni li wasal fiha l-Board. Anki wara li qieset sewwa l-ġurisprudenza tagħha l-aktar reċenti, kif tirriżulta mis-sentenza mogħtija fil-kawża "Gatt vs. Spiteri" 17 ta' Ġunju 1955, "Albanozzo vs. Spiteri" u "Agius vs. Xuereb", 31 ta' Mejju 1957, "Portelli vs Sacco" 19 ta' Mejju 1958, u App. Inf. "Mizzi vs. Buhagiar" 31 ta' Mejju 1958, il-Qorti ma tħossx li fil-każ preżenti hemm dik l-aċċessorjetà neċessarja bejn l-użu tar-remissa u n-negozju tal-appellant li ġġiegħel iż-żewġ ħwejjeġ jitqiesu ħaġa waħda b'mod li dik ir-remissa titqies "maħżen" fis-sens tal-liġi, jew "estensjoni" tal-ħanut fejn l-appellant jeżerċita l-mestjer tiegħu ta' grocer. Għad illi r-remissa hi indubbjament utili għan-negozju tal-appellant, il-Qorti ma jidhrilhiex li fiċ-ċirkustanzi tal-każ l-użu tagħha hu parti minn dak in-negozju u talment inseparabbli

minnu b'mod li tifforma ħaġa waħda miegħu. Ma ġiex pruvat, anzi lanqas allegat, illi l-post in kwistjoni ġie mikri u hu wżat għal skop ieħor ħlief bħala remissa għall-pony u l-karrettun u xejn aktar; u kwindi tapplika għall-każ is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża "Caruso vs. Formosa" — Kollez. Vol. XXXVIII-I-256;

Għalhekk l-appell hu miċħud, u s-sentenza appellata hi konfermata; iżda b'dan illi ż-żmien għall-iżgumbrament ikun ta' xahrejn, u jibda jgħaddi mil-lum. L-ispejjeż tal-appell iħallashom l-appellant.